**1 ta' Awissu, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Paolo Farrugia

**Responsabbiltà Kriminali — Minuri — Art. 25 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Fost ir-rekwiżiti meħtieġa biex wieħed ikun responsabbli għall-kontravvenzjoni kommessa minn minuri taħt it-treġija tiegħu hemm dak li huwa kien fil-possibbiltà li bid-diliġenza tiegħu jimpedixxi l-kontravvenzjoni. Il-piż tal-prova ta' din in-negliġenza jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni; imma l-istess prova tiddependi, kwantu għal mod li bih tiġi stabbilità, miċ-ċirkustanzi tal-każ. Imma, billi hija regola tal-proċedura kriminali li l-prova trid tkun sħieħa u soddisfaċenti, mhix prova ta' dan ir-rekwiżit, fin-nuqqas ta' ammissjoni jew xi dikjarazzjoni oħra tal-imputat, is-sempliċi nformazzjoni li ħadd ieħor jkun ta lill-Pulizija li l-imputat huwa missier it-tifel li kkommetta l-kontravvenzjoni, meta att tat-twelid, faċilment produċibbli, kien jistabbilixxi bl-aħjar mod il-paternità tal-missier u l-età tat-tifel.*

Il-Qorti:— Rat id-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Lulju 1959 fl-ismijiet premessi, li biha ġiet revokata s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta taż-17 ta' Ġunju 1959, u ġiet ordnata t-trattazzjoni tal-kawża fuq il-meritu tal-imputazzjoni magħmula lill-imsemmi Paolo Farrugia fit-termini tal-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni hija li fit-30 ta' Mejju 1959, tas-Sliema, bħala missier Nazzareno Farrugia, minuri, l-imputat naqas li jieħu ħsieb, kif jeħtieġ, biex dan ibnu ma jagħmilhiex ta' ġemmieħ iż-żibel kontra d-dispożizzjonijiet tal-art. 32

(1), tal-Kap. 13, meta din il-kontravvenzjoni setgħat ġiet evitata bid-diliġenza tiegħu;

Biex l-imputat jista' jinsab ħati l-Prosekuzzjoni trid tipprova, bħala rekwiżiti tal-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali, (1) il-fatt kontravvenzjonali ta' Nazzareno Farrugia, (2) il-minorità, (3) il-paternità tiegħu relattivament għall-imputat għall-finijiet tal-obligu in virtù tal-patrija potestà, (4) u l-possibbiltà tal-imputat li bid-diliġenza tiegħu jimpedixxi l-kontravvenzjoni;

Fuq dan ir-raba' rekwiżit hija dottrina u ġurisprudenza tal-Qrati Taljani, riferibbilment għall-art. 60 tal-Kodiċi Penali Taljan tal-1889, li fl-ewwel parti hu simili għal-art. 25 fuq riferit, illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tippruvah. Hekk il-Cassazione Unica (1893):— "L'onere della prova della negligenza della persona rivestita di autorità spetta all'accusa, e non è sufficiente ai fini della condanna penale che la suddetta persona non abbia fatta la prova d'essersi trovata nell'impossibilità di evitare la contravvenzione". Il-mod li bih din il-prova tiġi stabbilita jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ. Jibqa' però a kariku tal-akkuża "di indicare e di segnalare nelle circostanze della specie, che cosa in concreto avrebbe potuto, e perciò dovuto fare l'imputato per arrivare ad impedire la contravvenzone" (Cass. 1904; Manzini, Vol. II, p. 97, ed. 1908; Maino, Vol. I, p. 168);

L-unika prova, f'dan il-każ, hija dik tal-Kuntistabbli 254 Micallef, li xehed illi fit-30 ta' Mejju 1959, tas-Sliema, ra lil Nazzareno Farrugia jiġbor iż-żibel u ħadlu l-partikularitajiet. Wara, fuq mistoqsija tiegħu, ġie nfurmat mill-Għassa taż-Żurrieq li l-imputat hu missier Nazzareno Farrugia;

Skond l-art. 32(1) tal-Kap. 13, hu meħtieġ il-permess tal-Pulizija biex wieħed jagħmilha ta' ġemmieħ iż-żibel; u skond l-art. 313 tal-istess Kap. il-ksur ta' din id-dispożizzjoni jikkostitwixxi kontravvenzjoni;

Apparti rekwiżiti oħra, hija meħtieġa l-prova, f'dan

il-każ, li l-imputat hu missier Nazzareno Farrugia, u li dan hu minuri, biex jirriżulta l-obligu tal-imputat, in forza tal-patrija potestà, li jġiegħel li tiġi mħarsa d-dispożizzjoni tal-liġi miksura bl-allegata kontravvenzjoni;

Hija regola tal-proċedura kriminali li l-prova trid tkun sħieħa u soddisfaċenti, u hekk l-aħjar skond iċ-ċirkustanzi. Ma saret ebda dikjarazzjoni jew ammissjoni da parti tal-imputat; u ma tistax tikkostitwixxi dik il-prova sħieħa u soddisfaċenti għal dawk ir-rekwiżiti tal-imputazzjoni s-sempliċi nformazzjoni li ħadd ieħor ta lill-Kuntistabbli Micallef li l-imputat hu missier Nazzareno Farrugia, meta att tat-twelid, faċilment produċibbli, kien jistabbilixxi bl-aħjar mod il-paternità u l-età tiegħu;

Billi, għalhekk, l-imputazzjoni ma tirriżultax;

Tiddikjara lill-imputat mhux ħati, u tilliberah.